# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 43

Data tal-laqgħa: 4 ta' Novembru, 2021

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ħamis, 4 ta' Novembru 2021 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.35p.m. billi ntqalet it-talba.

**43/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**43/01/01** Ma kienx hemm.

**43/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 41 u 42**

**43/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**43/02/02** **Para 41/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li stima għal *camera*, power supply u 4 channel DVR għal Ġnien ta' Żagħruna hija ta' €836.00. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sur Christopher Fenech qal li meta titpoġġa AED dan il-Ġnien ma għandux jibqa' jissakkar bil-katnazz imma bil-firroll biss.

**43/02/03** **Para 41/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lill-kuntrattur fit-tabelli għal mal-*bollards.*

**43/02/04** **Para 41/02/04:** Is- Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-ground ta' Xwieki suppost dalwaqt jiġi rrinovat.

**43/02/05** **Para 41/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser ikun hemm laqgħa mal-Lands Authority biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**43/02/06** **Para 41/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser ikun hemm laqgħa mal-Lands Authority fuq l-għelieqi abbandunati u li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**43/02/07** **Para 41/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-Inġinier jonqsu jibgħat xi dokumenti fuq il-fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

**43/02/08** **Para 41/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl iltaqgħet ma' tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Barra minn hekk, skont il-Planning Authority irridu napplikaw għal Development Permit. Il-Kunsill qabel unanimament.

**43/02/09** **Para 41/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser ikun hemm laqgħa mal-Lands Authority fuq tal-Ferħa Estate.

**43/02/10** **Para 41/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħadd ma bgħat stima sabiex il-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero tittranġa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**43/02/11** **Para 41/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ta' Triq il-Mitħna għadhom ma ffirmawx karta li qed jaqblu biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna.

**43/02/12** **Para 41/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**43/02/13** **Para 41/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-Perit għax Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* ma tistax tiġi bl-*imprint concrete grade* C25.

**43/02/14** **Para 41/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *bollard* tal-ħadid għal sqaq fi Sqaq Charlotte.

**43/02/15** **Para 41/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-Cleansing and Maintenance Division għadhom ma għaddewniex l-4 bankijiet.

**43/02/16** **Para 41/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq it-talba għal *motor cycle bay* fi Triq San Ġwann quddiem Horizon Court reġgħet kelmet lil Transport Malta.

**43/02/17** **Para 41/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tlabna l-informazzjoni għal *information panel* dwar is-Superjur Guido Tanti lis-Soċjetà tal-Museum. Ġie unanimament deċiż li niktbu ftit informazzjoni dwaru.

**43/02/18** **Para 41/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella sabiex jipparkjaw l-exhaust pipe 'il barra ħdejn il-Każin tal-PN fi Triq il-Wiesgħa għadha ma saritx.

**43/02/19** **Para 41/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-Reġjun Tramuntana dalwaqt se jagħtina Automatic External Defibrillator (AED).

**43/02/20** **Para 41/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ltaqgħet ma' uffiċjal minn Transport Malta rigward it-talba biex tkun tista' ssir bollard fid-daħla fejn sar passaġġ bil-*yellow lines* fi Sqaq nru 2 Triq Mons Luigi Catania.

**43/02/21** **Para 41/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta biex isir passaġġ bil-*bollards* li jagħti għaż-żuntier tal-knisja. Skont uffiċjal minn Transport Malta ser jagħmlu *Communal Reserved Parking Bay* kif ukoll tabella.

**43/02/22** **Para 41/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-fanal il-ġdid fi Triq K. Zarb weħel illum.

**43/02/23** **Para 41/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella għal kull entratura li fiha tiġbor il-ħafna tabelli li hemm fi Ġnien il-Paċi

**43/02/24** **Para 41/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont l-Inġinier ta' Galea Curmi l-bozza mal-ħajt fi Sqaq tal-Ferħa tista' ssir imma għandna bżonn l-approvazzjoni tal-Enemalta.

**43/02/25** **Para 41/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella ta' *sleeping police* fi Triq Fidiel Zarb saret.

**43/02/26** **Para 41/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta biex tistaqsi jekk tistax issir *sleeping police* fi Triq Santa Katerina.

**43/02/27** **Para 41/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Cuschieri li jieħu ħsieb it-tindif tal-latrina pubblika qiegħed jagħmel xogħol tajjeb.

**43/02/28** **Para 41/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ltaqgħet ma' uffiċjal minn Transport Malta rigward it-talba biex jitpoġġew żewġ *bollards* quddiem il-bieb ta' residenza fi Triq Fidiel Zarb u li aktarx jiġu approvati.

**43/02/29** **Para 41/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet l-abbozz tal-fuljett lill-Kunsilliera.

**43/02/30** **Para 41/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Sur Chris Falzon qed taħdem fuq is-sejħa għal *Architectural lighting*.

**43/02/31** **Para 41/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaddiema tad-Dipt. tad-Distretti bdew jirranġaw il-ħitan tas-sejjieħ fi Sqaq Santa Marija taż-Żellieqa.

**43/02/32** **Para 41/02/47:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Infrastructure Malta biex sqaq fit-Triq tal-Ferha jsir bil-konkos u li huma talbuna *site plan*.

**43/02/33** **Para 41/02/49:** Is-Segretarju Eżekuttiv ġabret 3 stimi sabiex tinbidel il-blata ta' Torri tas-Semaforu. L-irħas offerta kienet ta' Sur Matthew Vassallo (€580). Il-Kunsill qabel unanimament.

**43/02/34** **Para 41/02/50:** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet żewġ stimi mingħand is-Sur Salvu Fenech. Stima sabiex nixtru njam ġdid biex ngħattu x-xelter (€477.87) u stima għal unit fir-reception (€418.83). Il-Kunsill qabel unanimament.

**43/02/35** **Para 41/02/54:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi Triq Caravaggio saret tabella li turi d-direzzjoni lejn il-Belt Valletta u San Ġwann.

**43/02/36** **Para 41/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet il-proposta sabiex ir-Recycling Points jitpoġġew fi Triq Għaxqet l-Għajn direzzjoni lejn Birguma.

**43/02/37** **Para 41/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret laqgħa mal-uffiċjali mill-Primary Health Care rigward il-berġa.

**43/02/38** **Para 41/03/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*President's Solidarity Fun Run* ħa ssir nhar l-21 ta' Novembru 2021.

**43/02/39** **Para 41/03/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Avukat bgħat kemm *right of reply* kif ukoll ittra legali lis-Sur Michael Pace Ross fuq l-artiklu li ġie ppubblikat fi Times of Malta nhar l-4 ta' Ottubru 2021.

**43/02/40** **Para 41/03/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li uffiċjal minn Transport Malta ma qabilx li ssir u-bar quddiem razzett fi Triq in-Naxxar.

**43/02/41** **Para 41/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet *works order* lil B Grima & Sons għal parking bays f'parti minn Triq Fra D. Mifsud.

**43/02/42** **Para 41/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li laqgħa ma' Sur Ronnie Gauci rigward il-ktieb saret.

**43/02/43** **Para 41/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li llum saret laqgħa mal-Contracts Manager.

**43/02/44** **Para 41/06/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet komunikat liż-żewġ skemi (Green MT Ltd u GreenPak COOP) sabiex jissottomettu l-proposta tagħhom għal ġbir ta' skart riċiklat iżda ħadd ma sottometta l-proposta sa data tal-għeluq għaldaqstant hija tat estensjoni sal-Ġimgħa, 5 ta' Novembru 2021.

**43/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**43/03/01** Is-Sindku resqet li ssir bozza ġdida fi Triq Santa Katerina. Ġie unanimament deċiż li l-ewwel niksbu *no objection* mill-Enemalta.

**43/03/02** Is-Sindku resqet li nhar l-21 ta' Diċembru 2021 isir 'Party tal-Milied għal Anzjani' u nhar it-23 ta' Diċembru 2021 isir 'Festin tal-Milied għat-Tfal'. Kien hemm qbil unanimu li jsiru dawn l-attivitajiet. Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li nhar it-22 ta' Diċembru 2021 isir il-'Mixja sal-Għar' u li jintramaw speakers fil-qalba tar-raħal fi żmien il-Milied. Il-Kunsill qabel unanimament.

**43/03/03** Is-Sindku resqet 3 stimi għal *1 year laptop/PC Service Agreement for all Gharghur Residents*. L-irħas offerta kienet ta' The Notebook Centre. Il-Kunsill qabel unanimament.

**43/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**43/04/01** Ma kienx hemm.

**43/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**43/05/01** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 8258 - Ġie approvat *Reserved Parking Bay* ghal sena fi Triq l-Oratorju.

**43/05/02** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 8702 - Persuna applikat għar-*Reserved Parking Bay* fi Triq Vendome.

**43/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 6 ta' Ottubru 2021).

**43/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Jes Farrugia (Solar Solutions Ltd) talba biex jinstallaw *electric charging pillar* fi Triq Dun Gio Batta Chetcuti. Kien hemm qbil unanimu.

**43/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 13 ta' Ottubru 2021).

**43/05/06** Fuq it-talba għal mera fi Triq il-Qiegħed k/m Triq il-Kbira. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**43/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Cynthia Formosa – Premju Anzjanità Attiva.

**43/05/08** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 8764 - Persuna applikat għar-*Reserved Parking Bay* fi Triq Mons L. Catania.

**43/05/09** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 8766 - Persuna applikat għar-*Reserved Parking Bay* fi Triq Vendome.

**43/05/10** Fuq it-talba għal *double yellow line* quddiem xatba fi Triq Fidiel Zarb. Kien hemm qbil unanimu.

**43/05/11** Ġiet innutata stima minn Comfort Stairs għal servizz ġenerali u sostituzzjoni tal-batteriji kollha total €450 + VAT. Kien hemm qbil unanimu.

**43/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 20 ta' Ottubru 2021).

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**43/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 27 ta' Ottubru 2021).

**43/05/14** Ġiet innutata korrispondenza minn Reġjun Tramuntana – Re: Reġjun Tramuntana New Year's Eve Scheme. Kien hemm qbil unanimu li napplikaw.

**43/05/15** Ġiet innutata korrispondenza minn Reġjun Tramuntana – Re: Reġjun Tramuntana Christmas Decorations Support Scheme. Kien hemm qbil unanimu li napplikaw.

**43/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Christopher Farrugia – L-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill Lokali tagħna għall-iskema Finanzjament Milied 2021 ma ġietx approvata.

**43/05/17** Fuq it-talba għal *culvert* fi Sqaq Warda għax qed iżomm l-ilma. Ġie deċiż li s-SE tikteb lid-Dipt tad-Distretti.

**43/05/18** Fuq it-talba għal *sleeping police* fi Triq in-Naxxar. Ġie deċiż li s-SE tapplika ma' Transport Malta.

**43/05/19** Fuq it-talba għal *skip* fi Triq Għaxqet l-Għajn minħabba l-problema b'tal-*scammel* fi Triq Ferdinandu. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**43/05/20** Fuq it-talba għal tabella tal-qtates fi Triq l-Isqof Gargallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

**43/05/21** Fuq it-talba għal *double yellow line* fi Triq Fidiel Zarb. Il-Kunsill qabel unanimament.

**43/05/22** Fuq it-talba għal *bollard* quddiem rampa fi Vjal ir-Repubblika. Il-Kunsill qabel unanimament li SE tapplika ma' Transport Malta għal *Keep Clear*.

**43/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**43/06/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**43/07 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**43/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:05p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Diċembru 2021 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |